# IS-SUR NIN – HABIB GHAŻIŻ

Ta' Joe Camilleri

"X'SER naqra tgħid?" staqsieni. Ma weġibtux; tbissimtlu biss. "Is-Sunett 'Għawdex'", qalli waqt li libes in-nuċċali u beda jqalleb kopja ta' "Mis-Siġra ta' Ħajti."

Kien għaxart ijiem biss qabel mewtu. Niftakar, dik l-għaxija mort għand is-Sur Nin biex inwassallu stedina mill-Kunsill Ċiviku ħalli jaqra xi xogħlijiet letterarji tiegħu waqt serata mużiko-letterarja.

Ma kenitx l-ewwel laqgħa tiegħi miegħu. F'żgħuriti kont niltaqa' miegħu fi tmiem il-gimgħa meta ta' spiss kien jiġi jqatta' dawk il-jumejn fil-gżira ta' tfulitu. Fil-jiem sbieħ u xemxija tas-sajf, imbagħad, min jaf kemm għaddejna sigħat medhija f'taħdit f'Marsalforn – il-bajja li tifkirietha kienu bħal dell dejjem isusu warajh.

Bis-sabar kollu, is-Sur Nin kien igħallimni kif inkejjel il-versi, jew inkella bi tbissima u b'għajnejn imwaħħla fil-baħħ, jerġa' jġedded stejjer ta' tfulitu marbuta mat-tijatrin ta' Marsalforn. "Kien żmien sabiħ", erħilu jgħid ta' sikwit, "konna nagħmlu t-tijatrin kif nafu aħna. Iżda dik kienet l-ewwel xrara li xegħlet fija mħabba għall-palk". Fl-aħħar snin ta' ħajtu, kien iħobb itenni l-ġrajja ta' daqsxejn ta' kelb f'Marsalforn ġrajja li spiratlu l-poeżija "Għassa ta' l-Għadu".

F'żgħożiti, ħtiegħli nitlaq lejn Malta biex immidd għonqi għax-xogħol. Hawnhekk, kont qrib iżjed tas-Sur Nin. Fil-għaxijiet, min jaf kemm-il darba mort inżuru f'daru Raħal il-Ġdid. Kif iberraħ il-bieb, u jarani, wiċċu jixgħel: "Ara min hawn! Għaddi. Kif inhuma t'Għawdex?" U erħilu jistaqsi dwar in-neputijiet tiegħu, l-iżjed Ester, l-iktar waħda li kien iħobb.

Imbagħad nintasbu f'kamartu, kamra umda, iżda li tilqek, imdawra kollha kotba. Il-mazz dejjem f'idejh: mil-letteratura jgħaddi għal-lingwistika, u minn din għal ġrajjiet imgħoddija meta kien spettur sanitarju fi żmenijiet imwiegħra. Inkella, ħsiebu jiġri lejn ġrajjiet iżjed ferrieħa – il-karnival ta' l-imgħoddi, meta darba libes ta' baħri u ħa ritratt bil-pipa. Ma kienx jonqos li jressaq quddiemi xi bikkerin xorb fin li hu kien jerfa' għall-ħbieb.

U waqt li jredden, iqalleb il-kotba u jurini xi ittri li jkunu waslulu, qatt ma naqas li jħeġġiġni biex nikteb. Ħdejh kont inħossni fqir u dgħajjef, iżda hu dejjem għaraf iqawwili qalbi. Tassew li kienet tolqotni l-umiltà u l-qalb ferrieħa ta' dan ix-xwejjaħ li minkejja s-suċċessi li kiseb dejjem għaraf irażżan il-kburija u baqa' dejjem li kien: bniedem bla

ambizzjonijiet persunali, karattru altruwist, ħabib ma' kulħadd.

Fl-aħħar tliet snin ta' ħajtu, is-Sur Nin inġabar Għawdex man-neputijiet fi Triq Sant'Ursula, kantuniera ma' Misraħ Sabina. Kienet tabilħaqq ferħa għalih li jerġa' jsib ruħu fil-gżira li welldittu. Iżda min-naħa l-oħra ħass qatigħ il-firda miċ-ċrieki letterarji li kien isib ruħu fihom f'Malta. B'dana kollu, qatt ma nqata' mil-Letteratura. Bil-qari ta' gazzetti u kotba żamm kuntatt ma' l-iżvilupp li ssokta miexi f'oqsma letterarji.

Minkejja li trawwam f'fehmiet differenti, qatt ma naf li xi darba ħadha kontra l-kittieba ġodda li bdew iwarrbu l-metrika u jħaddnu element ħieles fil-kitba tal-poeżija. Ġie li kkritika xi poeżijiet li dehrulu dgħajfin. Iżda dejjem fehem u apprezza l-ħeġġa taż-żgħażagħ u wera nteress fl-esperimenti li kienu jwettqu.

Fi xjuħitu baqa' ħabrieki xorta waħda. Qabel ma ħareġ "Mis-Sigra ta' Ħajti", min jaf kemm bagħatni l-Bibljoteka nqalleb "Il-Malti" biex nikkopjalu xi versi tiegħu li kienu mitbugħa fih. Hekk ukoll meta kellu jikteb t-taħdita li tfakkar għeluq il-mitejn sena mill-mewt ta' De Soldanis. Sa fejn naf jien, dan kien l-aħħar xogħol ta' Ninu Cremona, u bħala turija ta' ħbiberija, irregalali l-oriġinal ta' din it-taħdita – tifkira li jien ingħożż b'qalbi kollha.

Fil-għaxija sikwit konna nagħmlu passejn li jwassluna biss sa Misraħ it-Tokk. Waqt li nieħdu xi tè, jibda jredden fuq il-Malti. Kont nara ħeġġa fih meta jsir jaf li f'Għawdex hawn il-Prof. Aquilina jew xi kittieba oħra u erħilu jagħmel ħiltu biex jiltaqa' magħhom.

Mur għidli, dik il-lejla li żortu f'daru li kellha tkun l-aħħar laqgħa tiegħi miegħu. "Naqra s-sunett 'Għawdex'" – kien għal qalbu ħafna. Dik il-lejla wkoll reġa' għamel referenza għall-inkwiet li fl-aħħar sena ta' ħajtu keddu ħafna. Miegħi kemm-il darba berraħ qalbu. Niftakar ukoll li tkellimna dwar Dun Karm u s-Sur Nin għarbel il-mewġa ta' kritika li kienet qed issir lill-Poeta Nazzjonali b'sens kbir ta' ħaqq kemm għal Dun Karm kif ukoll għal min għamel din il-kritika. Nistqarr, għaġġibni!

Qabel tlaqt, urieni wkoll ittra li waslitlu xi jiem qabel mingħand Ġużè Chetcuti. Tkellimna dwar il-poeżija "Il-Għannej ta' Wara l-Bjut". Bis-sabar qagħad ifissirli l-versi 15-16. Raqqaq fuq xi versi oħra. Urieni kif fuq il-qies ta' "Kburitek" kellu joħloq in-nom bis-suffiss "sturitek" minn "satra", kif kellu jinqeda bin-nomi "għomortok" (flok 'għomrok') u "qabartek" (flok 'qabrek') minħabba r-ritmu. Għal xi siegħa sħiħa qagħad jifli dawn l-irqaqat.

Il-mewt ħesrem tiegħu ħasditni. Ħassejt l-istess bħallikieku kienet mietet biċċa minni. Għax għalija, Ninu Cremona, barra lingwist u kittieb, kien fuq kollox ħabib tal-qalb. U kien għalhekk li f'din il-kitba fqajra tiegħi għażilt li nħares lejh mil-lat uman milli mil-lat ta' kritika letterarja.

Miegħu għaddejt sigħat sbieħ, minnu xrobt tagħlim ta' fejda. Miegħu nissilt ħbiberija tal-qalb. Dejjem qiesni b'wieħed ta' ġewwa u miegħi wera ħwejjeġ oħra li forsi hawnhekk mhux il-waqt li wieħed iniżżilhom. Bejnu u bejni kien hemm qabża ta' sebgħa u sittin sena; iżda dejjem fhimna 'l xulxin bħal missier u iben.

Il-lum li s-Sur Ninu m'għadux iżjed magħna, nibqa' nqim u ngħożż tifkirietu. Għalija ma kienx Dr. Cremona, iżda s-Sur Nin.... bniedem qalbu f'idu, patrijott, u ħabib.

## ~~IS-SUR NIN~~

~~ta' GEORGE N. CASSAR~~

~~KONT nammirah. Bniedem ta' erba' għexieren u għaxra, u Alla jbierek għadu jħuf ġmielu u moħħu baqa' ma ddallamx. Ftit li xejn kont midħla tiegħu, iżda meta kont niltaqa' miegħu kien x'aktarx isellimli bi tbissima u jieqaf ikellimni. Sibtu dejjem bniedem umli, ta' natural ferrieħi, ta' manjieri ħelwin u fuq kollox tar-ruħ. Billi s-smigħ kien beda jonqoslu, ikolli ngħid ma tantx kien isib ma' min jiftaħ qalbu. Madankollu, huwa baqa' ma nfatamx mis-soċjetà. Insemmi inċident wieħed. Kellna *Serata* fil-Liċeo t'Għawdex u lis-Sur Nin ma stedinniehx għax bniedem ta' dik l-età qatt ma bsarna li jixtieq jattendi. Wara xi ġranet waqa' fuqi u wrieni ċar u tond li xejn ma kien ħa gost li konna nsejnieh.~~

~~Baqa' sa l-aħħar iħobb il-qari u x-xogħol ta' tiftix, u meta riġlejh tqalu u t-taraġ tal-Librerija Pubblika beda jaqtagħlu nifsu, kien jagħmel telefonati twal u ta' spiss mal-librar. L-hena tiegħu jitkellem fuq ix-xogħlijiet li kiteb, iktar b'sens ta' soddisfazzjon milli b'ta' kburija. Kellu, pereżempju, seba' mitt sena sakemm jara mitbugħa ż-żewġ antoloġiji tiegħu ta' proża u poeżija. Tgħidx kemm kien kuntent meta kumpanija Maltija mexxielha tipproduċi *Il-Fidwa tal-Bdiewa*. Huwa xtaq fuq li xtaq li kumpaniji ġo Għawdex jindaħlu għal xi xogħlijiet drammatiċi li hu ta lill-palk Malti.~~

~~Meta dan l-aħħar xi studenti tal-Liċeo ħarġu jiġbru bieb bieb m'Għawdex kollu biex lis-Sur Nin nibnulu monument, waħda mara tefgħet żewġ soldi fil-bott u qaltilhom: "Daqshekk ser intikom; ma jiswiex iktar". X'kien jiswa u jsarraf is-Sur Nin nafuh ilkoll, u għandu mnejn dik il-mara qalet hekk b'ċajta u mhux ħtija tal-injoranza kif ituk li taħseb.~~